**_Ruling_ mogħti mill-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia fis-Seduta 446 tat-12 ta' April 2021 dwar ilment ta' ksur ta' privileġġ imqajjem mill-Onor. Adrian Delia**

Fis-seduta 445 tal-24 ta' Marzu 2021, wara d-dibattitu fi stadju ta' Tieni Qari dwar l-Abbozz ta' Liġi li Jimplimenta Miżuri tal-Estimi li ġie konkluż fit-tieni parti tas-seduta li kienet qed tinżamm wara nofsinhar, l-Onor. Adrian Delia qal:

> "Sur President, nixtieq ninvoka *Standing Order* rigwardanti Ksur ta' Privileġġ iktar kmieni dalgħodu. L-Onor. Alex Muscat, fid-diskors tiegħu, minn minuta 23 sa minuta 24 qal is-segwenti kliem:
>
> "L-Onor. Adrian Delia lill-MEPs Ewropej ma kienx kapaċi jiqfilhom. Issa nafu li kien mar talab flus mingħand xi ħadd biex David Casa ma jitlax fil-Parlament Ewropew, forsi anke minħabba f'hekk."
>
> Nixtieq li s-Sedja tieħu l-proċeduri opportuni. Grazzi."

Is-Sedja hawnhekk wieġbet:

> "Onor. Delia, qed nifhem li qed titlob ksur ta' privileġġ *prima facie,* hux hekk? Kollox sew, grazzi."

Hawnhekk l-Onor. Alex Muscat qal:

> "Sur President, testwalment tajjeb inżidu wkoll li jien irrapportajt dak li ġie rrapportat mill-Qorti. Il-Qorti ħarġet dik l-informazzjoni u jien ġejt hawnhekk nirrepetiha."

Is-Sedja bdiet billi rat dak li qal l-Onor. Alex Muscat filgħodu fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2021, u ser nikkwota l-parti tad-diskors li qed jagħmel referenza għalih l-Onor. Adrian Delia:

> "**ONOR. ALEX MUSCAT:** Kemm għamlu pressjoni l-Membri Parlamentari Nazzjonalisti fil-Parlament Ewropew biex użaw il-Partit Popolari Ewropew, li l-Partit Nazzjonalista jagħmel parti minnu, sabiex jinfluwenzaw il-pożizzjoni anke tal-Kummissjoni Ewropea. Jien issa nappella lill-Kap tal-Oppożizzjoni li dak li tenna nhar il-Ħadd li għadda jpoġġih fil-prattika. Ta' qablu, l-Onor. Adrian Delia, lill-membri parlamentari Nazzjonalisti ma kienx kapaċi jiqfilhom. Issa sirna nafu anke li kien hemm min mar talab il-flus mingħand xi ħadd biex David Casa ma jitlax fil-Parlament Ewropew. Forsi anke minħabba f'hekk. Issa naraw il-Kap tal-Oppożizzjoni attwali huwiex kapaċi jiqfilhom lil dawn l-Membri Parlamentari Ewropej."

Is-Sedja tifhem illi wara l-ispjegazzjoni li ta l-Onor. Alex Muscat jidher li kien qed jikkwota jew jirreferi għal dak li seħħ fil-Qorti waqt xi proċeduri tagħha.

Fil-kunsiderazzjoni tagħha ta' din it-talba, is-Sedja tikkonstata li skont Ordni Permanenti 36:

> "Mozzjoni dwar kwistjoni ta' privileġġ li tinqala' waqt is-seduti tal-Kamra għandha dritt għall-preċedenza fuq kull xogħol ieħor.
>
> Mozzjoni dwar kwistjoni ta' privileġġ li ma tkunx inqalgħet waqt is-seduta tal-Kamra għandha ssir mal-ewwel opportunità u tista' ssir qabel il-bidu ta' xogħol pubbliku."

Is-Sedja bdiet billi tinnota li l-ilment imqajjem mill-Onor. Adrian Delia jikkonċerna dak li qal l-Onor. Alex Muscat fis-seduta ta' dakinhar stess - l-24 ta' Marzu - u allura l-ilment tqajjem skont dak li jistabbilixxi l-Ordni Permanenti 36. Għalhekk is-Sedja setgħet tikkunsidra l-każ imqajjem u tara jekk hemmx fil-fatt *prima facie* ksur ta' privileġġ fil-konfront tal-Onor. Adrian Delia.

Għal dan il-għan, is-Sedja tagħmel referenza għall-Ordni Permanenti 60 kif ukoll għall-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, Kap. 113, senjatament is-subinċiż (b) tas-subartikolu (4) tal-artikolu 11 li jgħid ċar li kull insult jew nuqqas ta' qima lil wieħed mill-Membri tal-Kamra jsiru quddiem il-Kamra jew ta' xi kumitat tagħha waqt xi laqgħa tagħhom jammonta għal *prima facie* reat kontra l-Att.

Is-Sedja rat ukoll dak li kkunsidrat f'*rulings* oħrajn tagħha f'ċirkostanzi simili, fosthom dak mogħti fis-Seduta 56 tal-1 ta' Ottubru 2013 fir-rigward ta' lment ta' ksur ta' privileġġ li kien imressaq mill-Prim Ministru fil-konfront tal-Kap tal-Oppożizzjoni ta' dak iż-żmien, fejn dakinhar is-Sedja, sabiex tasal għad-deċiżjoni dwar jekk dak li ntqal fil-Kamra jammontax għal prima *facie ksur* ta' privileġġ, ħasset il-ħtieġa li tara dak li ntqal minn xhud f'proċeduri tal-Qorti, u nikkwota:

> "Is-Sedja qrat u ħadet nota wkoll tax-xhieda tal-ex Kummissarju Rizzo, konsistenti f'40 paġna ta' traskrizzjoni kif mogħtija fis-seduta tal-qorti tal-maġistrati bħala qorti istruttorja ppreseduta mill-Maġistrat Anthony J Vella tas-26 ta' Settembru 2013 fl-ismijiet "il-Pulizija vs Silvio Zammit", kif ukoll kif rapportat mill-Kap tal-Oppożizzjoni dwar dak li qal l-istess ex Kummissarju Rizzo fil-ħarġa ta' *In-Nazzjon* tat-30 ta' Settembru 2013.
>
> Hawnhekk is-Sedja sejra skrupolożament toqgħod lura milli tesprimi xi fehma jew tagħti xi interpretazzjoni fuq xi mertu tal-każ "Dalli" jew l-interpretazzjoni tal-istess xhieda fi kwalunkwe proċess konness, imma qiegħda tasal għal din id-deċiżjoni biss u limitatament fuq dak li ntqal fil-Kamra.
>
> Fid-dawl ta' dan kollu, wara li s-Sedja eżaminat it-traskrizzjoni u d-dokumenti msemmija hawn fuq u wara li qieset il-provvediment tal-artikolu 11(4)(b) tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deptuati, kif ukoll l-Ordni Permanenti 60, is-Sedja issib li l-kliem [...] jikkostitwixxu *prima facie* ksur ta' privileġġ fit-termini tal-Ordni Permanenti 60 u l-artikolu 11(4)(b) tal-Kap 113."

Wara li semgħet lill-Onor. Adrian Delia fis-seduta tal-24 ta' Marzu meta hu talab lis-Sedja biex tiddeċiedi jekk kienx hemm ksur ta' privileġġ fil-konfront tiegħu, u wara li semgħet il-kjarifika li saret mill-Onor. Alex Muscat, tifhem li l-Onor. Alex Muscat kien qiegħed jibbaża l-argumentazzjoni tiegħu fuq dak li ġie rrappurtat li ntqal f'xi proċeduri tal-Qorti.

Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi s-Sedja l-ewwel se titlob lill-Onor. Alex Muscat biex jirtira l-kliem li qal fil-konfront tal-Onor. Adrian Delia fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2021, u jikkonferma li huwa kien qiegħed fil-fatt jagħmel referenza għal dak li ġie rapportat li ntqal fil-Qorti – fatt li jidher li għandu konjizzjoni tiegħu l-Onor. Adrian Delia.

Hawn, fost oħrajn, qed nirreferi għar-rapporti li dehru fuq:

MaltaToday fit-22 ta' Ġunju 2020;
The Malta Independent fit-22 ta' Ġunju 2020;
The Times of Malta fit-22 u t-23 ta' Ġunju 2020; u
LovinMalta fid-9 ta' Frar 2021;

F'każ li jagħmel dan il-każ ikun ikkunsidrat bħala magħluq. Min-naħa l-oħra, fin-nuqqas li jagħmel dan, is-Sedja ma jkollha l-ebda triq oħra ħlief li tiddikjara li d-diskors tal-Onor. Muscat jammonta għal *prima facie* ksur ta' privileġġ u tirreferi l-każ lill-Kumitat Permanenti dwar il-Privileġġi.

Ir-*Ruling* huwa deċiż.